**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A57/11

8 Lulju 2011

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/57**

Ser tissejjaħ laqgħa urġenti tal-Kunsill nhar **L-Ġimgħa 8 Lulju 2011, fl-10.15 a.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Approvazzjoni ta' Kwotazzjoni rigward Mobile Toilets fix-Xatt.

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.<br>Sindku | Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.<br>Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

9 ta' Frar 2012

Ref Nru.Klg5/067

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/67 li saret il-Ġimgħa 13 ta'Jannar 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Sitt membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attendiet għall-parti mill-laqgħa l-*Accountant* Johanna Caruana

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa.

**Skużat**

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri minħabba raġunijiet familjari.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fid-9 ta' Jannar 2012.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/67 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti sopracitati ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**2. Materji Konnessi**

**2.1 Paġna Nru:2 para 2.2 –** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-Avukat Woods rrikonferma r-rakkomandazzjoni tiegħu kif mogħtija fl-*e-mail* datata 4 ta' Novembru 2011 jiġifieri, li x-xogħlijiet għandhom ikunu ċertifikati mill-Perit.

In vista tal-fatt li kemm iċ-*Chairman* kif ukoll, il-Kunsillier Ian Micallef ma kienux qed jaqblu mal-parir legali ta' l-Avukat Woods, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li għandha tintalab *a second opinion* mill-Avukat Massimo Vella.

**2.2 Paġna Nru:3 para 2.5 –** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, mal-kwotazzjoni kif sottomessa mid-ditta *Terracore Ltd,* liema kwotazzjoni kienet ġiet ċirkulata lill-membri kollha tal-Kunsill fil-5 ta' Jannar 2012, għat-testijiet ta' l-asfalt ta' *Triq Sir Frederick Ponsonby*.

**2.3 Paġna Nru:3 para 2.7 –** Iċ-*Chairman* ġibed l-attenzjoni għall-fatt li kien hemm perjodu fejn id-dawl tat-Triq Manoel de Vilhena kien qed jinxtel tard.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-kuntrattur kien adderixxa ma' l-istruzzjonijiet tal-Kunsill.

**2.4 Paġna Nru:5 para 3.8** – Il-Kunsillier Ian Micallef staqsa jekk id-*DNO* kienitx ġiet sottomessa l-*MEPA*.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li minħabba l-fatt li l-applikazzjoni kienet għall-strutturi permanenti, l-*MEPA* talbet li jkun hemm permess u għalhekk kellha terġa' ssir l-applikazzjoni liema proċess, ġie eżawrit.

**2.5 Paġna Nru:5 para 3.11 –** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li fit-23 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill kien reġa' rċieva *e-mail* mill-Perit Susanna Bonello mit-*Traffic Strategy Directorate* fi ħdan *Transport Malta* fejn infurmat, li kif ċċirkulat f'*e-mail* lill-membri tal-Kunsill datata 3 ta' Jannar 2012, għat-tieni darba din l-Awtorita' rrivediet id-deċiżjoni tagħha u kkonfermat, li l-un/*loading bay* ta' quddiem *Tanti Palmier Confectionery* ma' għandiex taċċedi d-disa' flok t-tmien metri.

Matul id-diskussjoni li saret il-Kunsill qabel unanimament, li ġa la darba din hi l-awtorita' l-Kunsill m'għandux alternattiva oħra ħlief li jaċċetta dawn l-istruzzjonijiet anke jekk il-Kunsill seta' kien gwidat tajjeb mill-ewwel u jitlob lil-istess awtorita' tispeċifika l-granet u l-ħinjiet applikabbli fuq it-tabelli fattur, li s'issa kien għadu pendenti minn naħa ta' l-awtorita'. Fl-eventwalita' li fi żmien jumejn il-Kunsill ma jirċevix risposta dan ifisser, li l-Awtorita' kienet qed taqbel mal-proposta tal-Kunsill li din *un/loading bay* ser tkun *timed and communal* mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-08.00 a.m. sa 12.00 p.m. *unrestricted remaining parking hours*.

**2.6 Paġna Nru: 10 para 5.3 –** Il-Kunsillier Anthony Abela nforma, li invista tal-fatt li wara li kienu tlestew r-*resurfacing works* fil-*Housing Estate* nnota li ffurmaw xi għaddajjar, hu kien għamel *on site meeting* mas-Sur Alfred Vella għan-nom tal-Perit Joe Bugeja b'konsegwenza ta' liema, s-Sur Vella kien ħejja rapport tekniku fejn, filwaqt li ġew konfermati li s-*snags* notati minnu madanakollu, ta' raġunijiet abazi ta' liema, ma kienx jeħtieġ intervent minn naħa tal-kuntrattur għaldaqstant, hu kien qiegħed jissekonda l-opinjoni teknika tal-Perit.

**2.7 Paġna Nru: 11 para 7.1 –** Il-Kunsill ġie nfurmat, li mill-attivita' li saret skont *Memo 89/2011* id-donazzjoni preżentata *live* waqt it-trażmissjoni l-Istrina 2011 mill-*Gżira United Football Club* għan-nom ta' dan il-Kunsill, kienet ta' €526.31

**2.8 Paġna Nru: 11 para 8.4 –** Iċ-*Chairman* staqsa lil-Viċi-Sindku jekk kienx hemm xi żvilupp fuq is-sit ta' Triq Guże Miceli.

Il-Viċi-Sindku wieġeb, li l-proposta kienet intlaqet pożittivament mir-Reġjun Ċentru.

Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li fir-rispett ta' dan is-sit l-applikazzjoni kienet mibdija madanakollu, kien jeħtieġ li flimkien ma' l-*Accountant* jiġi ndirizzat il-*financial aspect* materja, li hi pjanata li tiġi ndirizzata wara li jiġu konklużi l-*financial statements* u l-*fixed assets register*.

**3. Korrispondenza**

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-13 ta' Jannar 2012 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-granet li ġejjin.

**3.2** Inqrat il-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom.

***3.3*** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallerf, mar-rakkomandazzjoni legali mogħtija mill-Avukat tal-Kunsill Dott. Woods li abazi ta' *Artiklu S2149 ta' Kap 16* tal-Liġijiet ta' Malta, t-talba tad-ditta *Asfaltar Ltd* biex titħallas għall-

xogħlijiet magħmula fis-sena 2008, ma tistax tiġi milqugħa għaliex hi preskritta. Għalhekk, l-Avukat għandu jintalab jirrispondi direttament għan-nom tal-Kunsill lil din id-ditta bid-deċiżjoni hawn fuq deċiża.

**3.4** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri, mar-risposta kif ikkomunikata lill-membri kollha tal-Kunsill permezz ta' *e-mail* datata 3 ta' Jannar 2012, lid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali dwar kuntratti skaduti.

**3.5** Il-Kunsill ġie nfurmat li kien qed iżomm kuntatt bil-miktub mal-Kap Eżekuttiv tat-*Transport Malta* Dott Stanley Portelli, dwar problemi nfrastrutturali fi Triq D'Argens.

**3.6** Il-Kunsill qabel unanimament, li jilqa' t-talba tas-Sur Zammit li joqgħod Nru: 18 Triq San Gorg Gżira, li d-deċiżjoni li l-linja s-safra tinbidel għall-waħda bajda quddiem il-garaxx tiegħu, terga' ssir kif oriġinarjament kienet jiġifieri, ssir kaxxa safra ġa la darba hu kien qed jikkommetti lilu nifsu li l-garaxx ser jintuża għall-iskop oriġinali tiegħu u dan anke skont ritratti sottomessi. Il-Kunsill żied jgħid, li fir-risposta tiegħu għandu jkun elenkat b'mod ċar, li fl-eventwalita' li jerġa' jiġi notat dan in-nuqqas, il-Kunsill jibdel il-linja għal waħda bajda mingħajr preavviż u aktar rikonsiderazzjonijiet.

**3.6.1** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-istruzzjonijiet kif mogħtija fil-korrispondenza datata 30 ta' Settembru 2010 jiġifieri, li jitneħħa l-ewwel *parking bay* fi Triq Kubrit k/ma' Triq Reid u minflok jiġi estiż id-*double yellow line,* ġiet implimentata.

**3.7** Il-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-skemi Libreriji Lokali 2012 u finanzjarjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar skont *Memos 120/2011 u 122/2011* rispettivament.

**3.8** Il-Kunsill qabel unanimament, li tingħata *direct order* sabiex jinxtraw żewġ bnadar tad-daqs 3 metri x 4.5 metri tal-lokalita' u żewġ bnadar ta' Malta, l-Ewropa u tal-lokalita' tad-daqs 1 metru x 1.5 metri għall-prezz globali ta' €1,134.00 VAT inkluża, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, mingħand id-ditta *Gauci Borda* għar-raġuni li kienet l-unika sottomissjoni li l-Kunsill irċieva.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li minkejja li l-ammont kien inqas minn dak stipulat fil-liġi għall-nefqa diretta, xorta ntalbu stimi lid-ditti li joffru dan il-prodott u apparti dak hawn fuq imsemmi, t-talba ntbagħtet lill-*AA.Flags – Balaji Ltd – Charles Schembri – Globetech International – Jon David Ltd – Rayner's Flag Makers u Viking Signs.*

Hi kkonkludiet billi qalet, li b'eċċezzjoni ta' *Gauci Borda* u *Globetech International*, li dan ta' l-aħħar informa li m'għadux aktar jimmanifattura bnadar, ħadt ma rrisponda.

**3.9** Il-Kunsill qabel unanimament, li tingħata *direct order* sabiex jiġu legati l-minuti kollha tal-Kunsill mis-Sur Michael Genovese għall-prezz globali ta' €204.00 VAT inkluża b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku minħabba li kienet l-orħos offerta.

Anke f'dan il-każ, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li minkejja li n-nefqa kienet inqas minn dik stipulata għall-ammont dirett, intalbu stimi mid-ditti segwenti apparti dak sopracitat li kienu *Blackdot Printers, DuraPrint, Watermark Ltd, Officiency Co. Ltd, Palmyra Printers & Stationers, Papier Plus Studio, Perla Book bindery, Progress Press Co. Ltd, Torres, Veritas Press u Impressions Digital Offset.* Minn dawn id-ditti tlieta kienu dawk li ssottomettew l-offerta tagħhom li huma

- *Papier Plus Studio* - €274.35 VAT inkluża u x-xogħol kollu jitlesta fi żmien tlett ijiem

- *Michael Genovese* - €204.00 VAT inkluża u x-xogħol kollu jitlesta fi żmien 2/3 ġimgħat

- *Impressions Digital Offset* - €528.00 VAT inkluża u x-xogħol kollu jitlesta fi żmien ġimgħa.

**3.10** Il-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li jipparteċipa fil-proġett Nru: *LIFE10/ENV/MT/088 demonstration of the feasibility of electric vehicles towards climate change mitigation* imneddija mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u *EU Affairs Directorate* u ġie propost li l-*electric re-charging pillar* tkun installata fi Triq ix-Xatt ħdejn il-banka tal-lottu faċċata ta' Triq Ponsonby.

**3.11** Il-Kunsill qabel unanimament, li t-talba mressqa minn Ms Shirley Calleja għan-nom ta' *Malta Makeover Studio* sabiex tagħmel *triangular shaped sign* fuq il-bankina quddiem in-negozju tagħha fi Triq ix-Xatt, ma ġietx milqugħa u dan sabiex il-bankina ma tkunx ostakolata.

**3.12** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter, li *Steve's Engineer,* id-ditta li nstallat il-*platform lift* fiċ-Ċentru ta' l-Attivitajiet, tkun responsabbli mill-manutenzjoni tiegħu billi tagħmel *routine maintenance* darbtejn fis-sena għall-prezz ta' €420.+ VAT fis-sena u kull darba li ssir manutenzjoni din tkun iċċertifikata minn inġinier, kopja ta' liema ċertifikat jiġi mgħoddi lill-Kunsill.

**3.13** Il-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, man-nefqa ta' €95 sabiex jiġi

mixtri s-sett kollu ta' *New Milly Molly Children's Book* għall-librerija Pubblika liema set, jinkludi żewġ pupi u *slip case* għall-kotba.

**3.14** Il-Kunsill iddeċieda li l-ġurnal The Malta Independent jinxtara biss, meta jiġu ppubblikati xi avviżi tal-Kunsill Lokali.

**3.15** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**4. Approvazzjoni ta' skeda ta' Ħlasijiet**

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg5/67 minn Nru:2644 sa Nru:2682 (ar*a appendix* Nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*

**4.2** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet sopracitati ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**5. *Update ta' Tenders GLC002/2010 Mixed Household Waste – GLC003/2010 Public Private Partnership – GLC006/2011 – Upgrading of Kerbs & Pavements in Zone 1 The Strand & Town Centre Gżira***

**5.1 *GLC002/2010 – Mixed Household Waste***

Il-Kunsill ġie nfurmat li ma kien hemm ebda żvilupp mill-aħħar laqgħa dwar is-suġġett sopracitat.

**5.2 *GLC003/2010 – Public Private Partnership***

Iċ-*Chairman* ta' rendikont ta' l-iżviluppi li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill u cioe' tal-korrispondenza skambjata bejn il-Kunsill u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Hu qal, li fost il-korrispondenza mibgħuta lil dan id-Dipartiment fl-4 ta' Jannar 2012, ntbagħtet *e-mail* li kienet ukoll ikkupjata lill-membri tal-Kunsill, li dan il-Kunsill Lokali kien irċieva mill-Perit Tonna għan-nom ta' *Polidano Bros Ltd* fit-3 ta' Jannar 2012, fejn fiha l-kuntrattur kien qed jinforma li kien dispost li jkompli x-xogħol skont il-kuntratt mirbuħ bil-kundizzjoni li ma jkunx miżmum responsabbli għall-ħsarat li jistgħu jinqalgħu fil-futur minħabba l-kundizzjonijiet instabbli tas-*sub-base* ta' Triq Sir Patrick Stuart. Hu żied jgħid, li l-Kunsill kien talab ukoll lid-Dipartiment, sabiex l-istess proċedura li kienet ġiet addottata minnu stess (jiġifieri mid-D.L.G.) fi Triq Sir Samuel Taylor Coleridge, tkun applikata għal Triq Sir Patrick Stuart iżda sfortunatamnt għall-kuntrarju ta' dak mistenni, d-Dipartiment kemm għall-*e-mail* tal-kuntrattur kif ukoll, għal din it-talba tal-Kunsill, reġa' tenna r-risposti mogħtija qabel u cioe', illi d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mill-Kunsill Lokali fl-ambitu tal-liġi u r-regolamenti finanzjarji. Għaldaqstant, f'dan l-istadju kien qed jipproponi, li l-Kunsill għandu jipproċedi bix-xogħol kif

hemm fil-kuntratt mirbuħ iżda fejn tinqala' problema d-Dipartiment għall-Gvern Lokali, għandu jkun miżmum responsabbli.

Il-Viċi-Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li kellu t-Tnejn 9 ta' Jannar 2012, mad-Direttur tad-Dipartiment, s-Sur Carmel Abela, fejn matula hu għamel referenza għall-approvazzjoni li d-Dipartiment kien ta għal Triq Coleridge u s-Sur Abela wegħdu li kien ser jagħtiha l-attenzjoni urġenti tiegħu. Huwa kompla jgħid, li kien reġa' pprova jagħmel laqgħa oħra mad-Direttur iżda ma rnexxielux.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal li hu kien qed jissuġġerixxi li għandha tinħareġ Sejħa Għall-Offerti b'urġenza għal dawn ix-xogħlijiet sabiex b'hekk il-Kunsill ikun qed jaġġixxi skont il-Liġi u l-proċeduri finanzjarji liema sejħa, għandha tinżamm miftuħa għall-pubbliku għal tmien tijiem u dan skont il-proċeduri dwar il-Kunsilli Lokali li ġew kwotati dak il-ħin stess waqt il-laqgħa K.L.P. 3/96 – P3.02 pubblikazzjonijiet għall-offerti. Hu kompla jgħid, li din il-proposta kien qed iressaqa invista tal-fatt li d-Dipartiment ma kienx ser joħroġ fondi għal din id-differenza u għaldaqstant, ġa la darba l-fondi ser ikunu minn dawk tal-Kunsill, dak il-ħin stess waqt il-laqgħa l-Kunsill seta' jiddeċiedi jekk joħroġx din is-Sejħa b'urġenza jew le.

Wara li kompliet tiġi evalwata din il-proposta f'aktar dettal, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li:

- għandha tinħareġ Sejħa għalll-Offerti b'urġenza għall-perjodu ta' tmien tijiem skont K.L.P. 3/96 P3.02
- l-avvizi għandhom ikunu ppubblikati fil-ġurnali kollha u l-Gazzetta tal-Gvern
- l-Perit tal-Kunsill għandu jintalab iħejji d-dokument b'effett immedjat u jagħti attenzjoni partikulari sabiex ma jkunx hemm aktar lok għall-varjazzjonijiet

### 5.3 *GLC006/2011 – Upgrading of Kerbs & Pavements in Zone 1 The Strand & Town Centre Gżira*

Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-Perit Tonna għan-nom ta' *Polidano Bros Ltd* kien informa li *Transport Malta* talbet li jrid ikun hemm permess għal dan ix-xogħol u għalhekk, kien qed jistenna l-approvazzjoni tal-permess sabiex jinbeda x-xogħol minnufih.

## 6. Diskussjoni u Approvazzjoni – *Performance Bonus*

**6.1** Iċ-*Chairman* stieden lis-Segretarju Eżekuttiv tinforma lill-Kunsill, jekk tirrakkomandax li l-i*staff* amministrattiv jieħu l-*Performance Bonus.*

Is-Segretarju Eżekuttiv esprimiet l-opinjoni tagħha li l-*staff* jiġifieri Marion Monaco, Fabian Borg u Mattia Felice jingħataw il-*performance bonus*.
Abazi ta' din ir-rakkomandazzjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li l-i*staff*

amministrattiv jingħata 6% *performance bonus*. Fil-każ ta' Mattia Felice dan jingħata prorata minħabba li hu jaħdem fuq bażi *part time*.

Fir-rispett tas-Segretarju Eżekuttiv, iċ-*Chairman* stieden lill-membri jressqu il-kummenti tagħhom.

Matul id-diskussjoni li saret, fejn il-Viċi-Sindku qal li l-kumment tiegħu kien li ma jissemmewx ismijiet ta' min ikun għamel ir-rapporti, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata 10% *Performance Bonus*.

**7. Diskussjoni u Approvazzjoni – *Budget 2012***

**7.1** Tqassmet kopja ta' l-*annual cash budget* għas-sena 2012.

Ic-*Chairman* stieden lill-*Accountant* tal-Kunsill Lokali Johanna Caruana sabiex tispjega l-*budget*.

L-*Accountant* tagħat spjegazzjoni dettaljata ta' kif tqassmu l-voti u wara stiednet lill-membri tal-Kunsill iressqu l-kummenti u l-mistoqsijiet tagħhom.

A bazi tad-diskussjoni li saret u l-kjarifikazzjonijiet magħmula, fosthom mill-Viċi-Sindku f'paġna 7, il-Kunsill approva unanimanent l-*annual cash budget* b'mozzjoni mressqa mic-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

**8. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' emendi fil-*Bye-Laws* – Reklamar fuq Għamara fit-Toroq**

**8.1** Il-Kunsill qabel unaimament, li din il-materja tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**9. Affarijiet Oħra**

**9.1** Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tal-Lokalita' għandha ssir il-Ħamis 9 ta' Frar 2012 fis-7.00 p.m. fis-Sala tal-Komunita'. Għaldaqstant, l-avviż ta' din il-laqgħa għandu jkun pubblikat fil-gazzetta tal-Gvern u darba fil-gazzetti kollha ta' kuljum u mxandar darba fuq ir-radju Nazzjonali u dan skont l-Att Nru: XV ta' 1993 Art 70 (1) li jipprovdi għat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

**10. Laqgħa Oħra**

**10.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m. u ġiet aġġornata għad-9 ta' Frar 2012.

| | |
|---|---|
| Dott Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg5/67**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg5/67 16.01.2012** **Data:** **13.12.2011 sa 13.01.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Go plc | €65.99 | €65.99 | D | | Tel 21322157 -Calls Nov Rent Dec 2011 | 03.12.2011 | 27145333 | 2644 | | | 7463 |
| 2 | Go plc | €112.12 | €112.12 | D | | Tel 21334254/341034 Calls Nov Rent Dec 2011 | 03.12.2011 | 27144806 | 2645 | | | 7464 |
| 3 | Go plc | €22.43 | €22.43 | D | | Tel 21341616 Calls Nov Rent Dec 2011 | 03.12.11 | 27144809 | 2646 | | | 7465 |
| 4 | Alfa Co. Ltd | €195.54 | €195.54 | D | | Rent 13.10.11 - 12.11.11 - 01.11.11 - 30.11.11 | 30.11.2011 | 76774 | 2647 | | | 7525 |
| 5 | G4S Security Serv. | €60.88 | €60.88 | D | | C.I.T. November 2011 | 30.11.2011 | GS003944 | 2648 | | | 7526 |
| 6 | Koperattiva Tabelli/Sinjali | €432.83 | €432.83 | T | | Road Markings - Job No: 11233 | 22.11.2011 | 15691 | 2649 | | | 7527 |
| 7 | Koperattiva Tabelli/Sinjali | €114.42 | €114.42 | T | | Traffic Signs - Job No: 9085 | 03.11.2011 | 15739 | 2650 | | | 7528 |
| 8 | Local Councils Association | €728.00 | €728.00 | D | | Group Health Policy | 15.12.2011 | | 2651 | | | 7522 |
| 9 | Local Councils Association | €63.00 | €63.00 | D | | Assikurazzjoni tal-flus | 15.12.2011 | | 2652 | | | 7523 |
| 10 | Venture Trading | €22.12 | €22.12 | D | | A5 Copy Paper | 16.12.2011 | 018017 | 2653 | | | 7529 |
| 11 | Uniking International | €367.82 | €367.82 | D | | Speed Moderator - Triq Manoel de Vilhena | 14.12.2011 | D1034 | 2654 | | | 7530 |
| 12 | Grezzju Azzopardi | €20.00 | €20.00 | D | | Flowers Funeral | 20.12.2011 | 006436 | 2655 | | | 7531 |
| 13 | Imelda Sultana | €155.00 | €155.00 | D | | talba ex gratia | 15.12.2011 | | 2656 | | | 7484 |
| 14 | Horace Enterprises Ltd | €144.99 | €144.99 | D | | Trophies for Football Tournament - Istrina | 23.12.2011 | 006932 | 2657 | | | 7532 |
| 15 | Alfa Co. Ltd | €2.75 | €2.75 | D | | Eco Tax - photocopier | 20.12.2011 | 77361 | 2658 | | | 7533 |
| 16 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,284.00 | D | | Allocated MSW Waste - November 2011 | 15.12.2011 | 015374 | 2659 | | | 7534 |
| 17 | Parroċċa Gżira | €300.00 | €300.00 | D | | Bejgħ ta' Presepju | 16.12.2011 | 159958 | 2660 | | | 7514 |
| 18 | The Toolbox | €7.33 | €7.33 | D | | Maintenance Public Library | 06.12.2011 | 10719 | 2661 | | | 7535 |
| 19 | Melita plc | €446.91 | €446.91 | D | | Hello Service & Usage 08.12.2011 - 07.01.2012 | 08.12.2011 | 31478250 | 2662 | | | 7504 |
| 20 | Borg Hardware Store | €85.80 | €85.80 | D | | Water heater for Administrativ Office | 05.01.2012 | 109 | 2663 | | | 7519 |
| | **Sub Total c/f** | **€7,412.32** | **€6,631.93** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€7,412.32** | **€6,631.93** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** **Klg5/67**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **13.12.2011 sa 13.01.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | S.Rausi Trading | €17.98 | €17.98 | D | | Drinking Water for Admin Office | 04.01.2012 | 21090573 | 2664 | | | 7536 |
| 22 | Squire Bookshop | €47.20 | €47.20 | D | | Newspapers December 2011 | 31.12.2011 | 09076 | 2665 | | | 7538 |
| 23 | E.L.C. | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Maint of Soft Areas - December 2011 | 31.12.2011 | 8180 | 2666 | | | 7539 |
| 24 | Soċjeta Filarmonika Stella Maris | €4,390.00 | €4,390.00 | K | | Quote GLC12/2011 - Christmas Lights | 29.12.2011 | | 2667 | | | 7521 |
| 25 | J.F. Mallia Ltd | €185.99 | €185.99 | D | | Street Lights - Job Nos: 212-13-14-15-17-19 | 02.12.2011 | 660 | 2668 | | | 7547 |
| 26 | J.F. Mallia Ltd | €59.00 | €59.00 | D | | Repairs/installation of Rail in Ponsonby | 23.12.2011 | 667 | 2669 | | | 7548 |
| 27 | J.F. Mallia Ltd | €352.03 | €352.03 | D | | Street Lights-Job Nos 218-20-21-22-23-24-25-27-28 | 29.12.2011 | 685 | 2670 | | | 7549 |
| 28 | Mr. Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck Food - January 2012 | Jan. 2012 | 33 | 2671 | | | 7550 |
| 29 | Ms Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | | Crafts Lessons - January 2012 | Jan. 2012 | 27 | 2672 | | | 7537 |
| 30 | Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection - January 2012 | Jan. 2012 | 11 | 2673 | | | 7540 |
| 31 | Emanule Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire for the month of January 2012 | Jan. 2012 | 12 | 2674 | | | 7541 |
| 32 | Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience - January 2012 | Jan. 2012 | 13 | 2675 | | | 7542 |
| 33 | Emanuel Mifsud | €881.32 | €881.32 | T | | Bulky Refuse - December - 161 Calls | 01/01/12 | 14 | 2676 | | | 7543 |
| 34 | Louis Curmi | €540.00 | €540.00 | D | | office furniture | 10.01.2012 | 166 | 2677 | | | 7512 |
| 35 | Louis Curmi | €466.00 | €466.00 | D | | office furniture | 05.01.2012 | 164 | 2678 | | | 7513 |
| 36 | Polidano Bros Ltd | €10,176.97 | €8,701.31 | T | | Resurfacing Works Housing Estate GLC5/2011 | 12.01.2012 | 119280 | 2679 | | | 7551 |
| 37 | Local Councils Association | €18.00 | €18.00 | D | | Performing Rights Society - 2012 | 11.01.2012 | AKL 52/95 | 2680 | | | 7544 |
| 38 | G4S Security Serv. Malta Ltd | €68.49 | €68.49 | D | | Cash In Transit - Dec 2011 | 31.12.2011 | GS004124 | 2681 | | | 7545 |
| 39 | Alfa Co. Ltd | €136.75 | €136.75 | D | | Rentals - 13.11.11-12.12.11/01.12.11-31.12.11 | 31.12.2011 | 77749 | 2682 | | | 7546 |
| 40 | Honoraria | €521.19 | €521.19 | | | Honoraria | | 902 | | | | 902 |
| | **Sub Total c/f** | **€27,354.86** | **€25,879.20** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€7,412.32** | **€6,631.93** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€34,767.18** | **€32,511.13** | | | | | | | | | |

Sindku | Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier | Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 13.12-2011 - 13.01.2012

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Wages + Performance Bonus | €6,198.52 | €6,198.52 | | | Wages + Performance Bonus | | | | | | 903, 904, 907, 905, 908, 906, 909, 910, |
| 42 | C.I.R | €2,747.40 | €2,747.40 | | | C.I.R | | | | | | Jun-02 |
| 43 | | | | | | | | | | | | |
| 44 | | | | | | | | | | | | |
| 45 | | | | | | | | | | | | |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€8,945.92** | **€8,945.92** |
| **Sub Total b/f** | **€34,767.18** | **€32,511.13** |
| **Total** | **€43,713.10** | **€41,457.05** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier